MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tas-26 ta' April, 2010

Citazzjoni Numru. 123/2010

**Anthony Gatt f'ismu u bħala kuratur *ad litem* ta' ommu Rosina Gatt, Mary Ann Scerri u Victoria Scerri**

**-vs-**

**Office Electronics Limited**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fid-9 ta' Frar 2010 li permezz tiegħu l-atturi ppremettew:

1. Illi r-rikorrenti huma s-sidien tal-fond numru 71A, Carini Street, Santa Venera, liema fond qed jiġi mikri lis-soċjeta' intimata Office Electronics Limited versu l-kera ta' tlett elef u sitta u tmenin Ewro u tlieta u tletin ċenteżmu (€3,086.33) fis-sena u li kienet titħallas kull tliet xhur bil-quddiem;

2. Illi s-soċjeta' intimata għandha tagħti lir-rikorrenti s-somma ta' erbatax-il elf, tliet mija u wieħed u sebgħin Ewro u tmienja u disgħin ċenteżmu (€14,371.98) rappreżentanti kera fir-rigward tal-fond numru 71A, Carini Street, Santa Venera dovuta mis-soċjeta' intimata (ara Dok. A) u li baqgħet ma tħallsitx;

3. Illi *nonostante* illi s-soċjeta' intimata ġiet interpellata tħallas din is-somma diversi drabi, inkluż b'ittra legali datata wieħed u għoxrin (21) ta' Diċembru 2009 (kopja annessa u mmarkata bħala Dok. B), din baqgħet inadempjenti;

Għaldaqstant, in vista tar-raġunijiet premessi, is-soċjeta' rikorrenti umilment titlob li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

1. Tiddikjara lis-soċjeta' intimata debitriċi versu r-rikorrenti fis-somma ta' erbatax-il elf, tliet mija u wieħed u sebgħin Ewro u tmienja u disgħin ċenteżmu (€14,371.98) dovuti għar-raġunijiet suesposti;

2. Tikkundanna lill-istess soċjeta' intimata tħallas l-ammont hekk dovut;

Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju ppreżentat kontestwalment ma' dan ir-rikors ġuramentat, u bl-imgħaxijiet dekorribli mid-dati tal-kera dovuta sad-data tal-pagament effettiv bl-ogħla rati permessi mil-liġi kontra s-soċjeta' intimata li minn issa hija nġunta in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-atturi u l-lista tax-xhieda.

Rat illi s-soċjeta' konvenuta debitament notifikata naqset li tippreżenta risposta ġuramentata u li tkun preżenti għas-seduta ffissata mill-Qorti, u allura hija kontumaċi skond il-liġi;

Semgħet lill-Avukat Dottor Antoine Naudi jikkonferma bil-ġurament illi s-soċjeta' konvenuta baqgħet ma ħallset xejn mill-ammont dovut;

Rat il-verbal tas-seduta tas-16 ta’ April 2010 li permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza;

**Għaldaqstant fil-kontumacja tas-soċjeta’ konvenuta, il-Qorti tiddeċiedi l-kawża billi tilqa’ t-talbiet attriċi kollha kif dedotti.**

**L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mis-soċjeta konvenuta.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------